**A.L. 378 ta' l-2009**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta'** ***Standard*** **Nazzjonali ta' l-2009 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Politika Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2009 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2010.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-Inqas Paga Nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ta' eta' 18-il sena u fuqhom ..................... | € 152.29 |
| Ta' eta' 17-il sena .............................. | € 145 .51 |
| Taħt is-17-il sena ................................ | € 142.67 |

Impjegati *part-time*.

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skond l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każi fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti minn dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'żjidiet sussegwenti ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skond l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'żjidiet fil-pagi suċċessivi għall-għoli tal-ħajja stabbiliti b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali.